MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2838/1997/1

**Carmelo sive Charles, Mary mart Eric Ellul Sullivan, Iris mart Vincent Farrugia u Juliana mart Alfred Cachia, ilkoll ahwa Schembri u Eileen mart Cecil Satariano xebba Grixti.**

**Vs**

**Vincent Cauchi u Giovanna Cauchi ghal kull interess li jista' jkollha u b'degriet tal 31 ta' Mejju 2004 l-atti gew trasfuzi f'isem Vincent Cauchi stante l-mewt tal-konvenuta Giovanna Cauchi.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fit-23 ta' April, 1986 u 3 ta' Settembru, 1995 mietu rispettivament Paul u Paola konjugi Meli skond testment 'unica charta' tas-16 ta' Jannar, 1945 fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit ;

Premess illi skond il-precitat testment il-konjugi Meli nnominaw bhala eredi universali taghhom tal-beni illi jkun ghad fadal wara l-mewt tas-superstiti fosthom f'nofs lill-parenti l-akbar vicini tat-testatur u fin-nofs l-iehor lill-parenti l-akbar vicini tat-testatrici ;

Premess illi l-istanti huma l-parenti superstiti l-akbar vicini tat-testatur fuq imsemmi mentri Giovanna Cauchi omm il-konvenut hija l-parenti l-akbar vicin tat-testatrici ;

Premess illi fit-13 ta' Gunju, 1995 il-konvenut f'isem it-testatrici Paola Meli biegh u ttrasferixxa lil terzi l-appartament Numru tnejn (2) fl-ewwel sular, formanti parti minn blokk ta' flats bl-isem "Veronica Flats" f'numru 26 Triq Don Rua, Sliema, u dan versu l-prezz hemm espress ta' dsatax-il elf lira Maltija (Lm19,000);

Premess illi l-konvenut nonostante li gie nterpellat jaghti rendikont tar-rikavat inkassat ippretenda li huwa kellu jedd izomm dawn il-flejjes billi qed jippretendi li dawn il-flejjes inghataw lilu miz-zija Paola Meli b'rikompens ghas-servigi rezi ;

Premess illi l-istanti opponew ghal din il-pretensjoni tal-konvenut li jdawwar ir-rikavat kospikwu fuq dikjarat ; u nsistew illi jekk huwa ghandu dritt ghall-kumpens ghall-servigi messu javanza ' l quddiem it-talba tieghu biex din tigi assenjata ;

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut Vincent Cauchi ma ghandux dritt izomm u / jew idawwar ghalih is-somma provenjenti mill-bejgh tal-fond imsemmi skond kuntratt tat-13 ta' Gunju, 1995 atti Nutar Dottor Henri Vassallo, u kull

beni ohra appartenenti lill-eredita' ta' Paul u Paola konjugi Meli ;

2. konsegwentement tikkundannah jirrestitwixxi lill-atturi u lill-konvenuta Giovanna Cauchi s-somma rapprezentanti r-rikavat mill-bejgh tal-fond de quo u kull somma ohra jew dokument rapprezentanti flejjes, appartenenti lill-assi ereditarji ta' Paul u Paola konjugi Meli ;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju, 1996, 16 ta' Dicembru, 1996, 20 ta' Frar ,1997, 16 ta' April, 1997, u 3 ta' Ottubru, 1997, kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 17 tal-process fejn eccepixxu:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom ghaliex :

a. L-ammont indikat fic-citazzjoni kien gie imhallas lill-konvenut Vincent Cauchi miz-zija tieghu Paola Meli bhala kumpens parzjali ghas-servigi enormi illi huwa kien irrenda lilha u lill-zewgha Paul Meli ghall-numru kbir ta' snin u dana kif jafu ben tajjeb l-atturi ;

b. L-ammont in kwistjoni ghalhekk ma nzammx mill-istess konvenut 'sua sponte', kif allegat fic-citazzjoni izda thallsu lilu kif fuq imsemmi u kwalunkwe rendikont kien inghata lill-istess Paola Meli f'hajjitha u konsegwentement l-atturi m'ghandhomx jedd ghal ebda rendikont kif qeghdin jippretendu ;

c. Il-konvenuta Giovanna Cauchi hija l-eredi tan-nofs indiviz tal-wirt tal-imsemmija Paola u Paul konjugi Meli u hija taf illi il-konvenut Vincent Cauchi kien irrenda lill-istess konjugi Meli is-servigi in kwistjoni u li kien irceva il-

kumpens in kwistjoni minghand Paola Meli u hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghal dan ;

d. Il-konvenut Vincent Cauchi m'ghandu l-ebda somma appartenenti lill-eredita' tal-imsemmija konjugi Meli.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 66/68;

Rat ir-relazzjoni a fol. 147;

Rat in-noti tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Relazzjoni ta' perit gudizzjarju.**

Il-perit nominat minn dina l-Qorti wara li semghet x-xhieda u ghamlet il-kostatazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet necessarji waslet ghall konkluzzjoni li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha (1) limitatament ghall ammont ta' LM 9500 li huwa n-nofs ta' LM 19,000 prezz tal-post mibjugh; u (2) b'riferenza ghal kull beni ohra appartenenti lill-eredita' ta' Paul u Paola konjugi Meli u ghal kull somma ohra jew dokument rapprezentanti flejjes appartenenti lill-assi ereditarji ta' l-imsemmija konjugi Meli;

L-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu michuda u

it-tielet eccezzjoni tal-konvenut, safejn tirrigwarda biss il-fatt li omm il-konvenut hija eredi ta' nofs il-wirt in kwistjoni u li m'ghandiex oggezzjoni li l-konvenut izomm is-sehem spettanti lilha ta' l-istess wirt, ghandha tigi milqugha.

**Kontestazzjoni tal-konvenuti**

Il-konvenut jissottometti li l-konkluzzjoni tal-perit legali ghandha tigi maqluba billi jirritjeni li s-somma imsemmija kienet thallset lilu minn Paola Meli bhala rikompens (u mhux donazzjoni) ghas-servigi enormi illi huwa kien irrenda lilha u lill zewgha ghal numru kbir ta' snin u cjoe mis-sena 1968. Skond il-konvenut dawn is-servigi ingenti bla dubju saru, u gew ppruvati u kkorroborati u ma gewx kontradetti b'xi evidenza kontrarja soda. L-allegazzjoni ta' l-atturi li Paola Meli kellha bzonn ta' xi somma addizzjoniali ghar-rikoveru taghha f'Casa Leone hi infondata u inverosimili billi hija kellha LM 7000 il-bank oltre il-pensjoni u hija kienet marida b'marda terminali.

**Risposta ta' l-atturi**

La omm il-konvenut Giovanna Cauchi u lanqas martu, Dolores Cauchi, ma kienu prezenti meta allegatament Paola Meli tat il-kunsens taghha biex il-konvenut jiddepozita c-cheque ta' LM 19,000 fil-kont personali tieghu.

Kieku Paola Meli verament hassitha debitrici tal-konvenut ghas-servigi ingenti li hu jallega li rrenda, hi setghet facilment taghmel testment aggjuntiv u thalilu ghal wara mewtha legat remunatorju bi hlas tas-servigi. Izda billi l-konvenut xehed li lill Paola Meli kienu "qalulha li dan it-testment ma setghetx tikkoregih" jimplika li l-ebda kumpens ma kien dovut lill konvenut ghal servigi li jghid li ppresta.

L-atturi jirritjenu wkoll li Paola Meli lanqas ma setghet thalli r-rikavat b'donazzjoni ghax kienet tkun ukoll qed tmiss il-patrimonju tas-superstiti. Inoltre kif qalet il-perit legali jekk kien hemm donazzjoni dina ma kinitx valida ghax ma saritx kif rikjest ad validitatem fl-artikolu 1753(1) tal-Kap 16. Inoltre l-atturi jaqblu mal-perit legali li kien hemm " kunflitt ta' interess bejn il-kapacita' tieghu (tal-konvenut) bhala prokuraturi generali ta' Paola Meli u l-fatt li fl-istess hin huwa kien qieghed jagixxi de proprio ghall-hlas ta' l-allegati servigi resi".

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konjugi Meli kienu ghamlu testment unica charta fejn innominaw lill xulxin bhala eredi universali u b'eredi tar-residwu innominaw lill-eqreb parenti tat testatur kwantu ghan nofs  u lill eqreb parenti tat-testatrici kwantu ghan-nofs l-iehor. Ta' l-ewwel  huma l-atturi  filwaqt li l-eqreb ghat-testatrici hija l-konvenuta Giovanna Cauchi.

Meta mietet l-ahhar fost il-konjugi Meli, cjoe Paola Meli, ftit qabel ma mietet kienet bieghet, permezz tal-prokuratur taghha, il-konvenut, l-appartament fejn kienet toqghod qabel giet rikoverata Casa Leone San Giljan flimkien mal-bicca kbira tal-ghamara li kien hemm fil-post u dana ghas-somma ta' LM  19,000.

L-atturi qed jippretendu li dina s-somma ghada tezisti fl-eredita' tal mejtin Meli u ghalhekk huma wirtu  nofs din is-somma   fil-waqt li n-nofs l-iehor ghandu jmur ghand Giovanna Cauchi. Din pero eccepiet li taf li l-konvenut Vincent Cauchi, binha,  kien irrenda servigi lill konjugi Meli u li kien irceva il-kumpens in kwistjoni minghand Paola Meli u hija m'ghandha ebda oggezzjoni ghal dana.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jirritjeni li dana l-ammont inghata lilu minn Paol Meli bhala rikompens  ghas-servigi enormi illi huwa kien irrenda lilha u lill zewgha ghal numru kbir ta' snin u cjoe mis-sena 1968 u anke bhala rifuzjoni tal-ammonti li huwa sburza ghalihom matul dan il-perjodu.

Tikkunsidra

L-allegat pagament minn Paola Meli

Il-konvenut jallega li dak in-nhar stess li sar il-kuntratt huwa kien mar ghand Paola Meli bir-rikavat tal-bejgh cjoe LM 19,000 u hija kienet qaltlu li: "Jekk ma zommhomx inti aghtihom karita' "  Huwa kien qalilha: "Jiena ghandi t-tfal u se nzommhom," u fil-fatt zamm il-flus.  Skond il-konvenut Paola Meli permezz ta' dawn il-flus riedet thallsu tas-servigi resi minnu  lilha u lill zewgha.

Mill-provi prodotti jirrizulta li dawn il-kliem, li allegatament qalet Paola Meli, gew pronunzjati biss fil-presenza tal-konvenut u mhemmx xhieda biex jikkorroboraw dan id-diskors. Dak li xehdet mart il-konvenut huwa detto del detto u hija ma kinitx prezenti meta allegatament sar dan id-diskors. (ara fol 33). L-istess diskors riportat ma jaghmilx riferenza specifika ghall- xi rikonoxximent jew pagament da parti ta’ Paola Meli ghas-servigi allegatament prestati.

Fil-kaz in ezami kien il-konvenut li marte proprju ddecieda li kienu dovuti lilu LM 19,000 u ma saret ebda kitba dwar il-pagament tas-servigi resi u ghalhekk hija nieqsa l-prova dokumentarja li tissostanzja l-allegata intenzjoni ta’ Paola Meli li thallas ghas-servigi resi. Dina l-prova kienet aktar necessarja una volta li l-konvenut kien qed jagixxi fl-istess hin kemm bhala prokutatur ta’ Paola Meli kif ukoll f’ismu proprju ghal hlas ta l-allegati servigi. Il-konvenut kien qed jittratta mal-mandanti tieghu ghall hlas ta’ l-allegati servigi resi, u kien fl-interess tieghu li dan kollu jigi registrat b’mod adegwat propju minhabba l-konflitt ta’ interess li setgha kellu.

Flus fuq isem il-konvenut

Meta sar il-kuntratt, ic-cheque mal l-ewwel hareg fuq isem il-konvenut u l-flus dejjem baqghu fil-pussess tal-konvenut. Il-konvenut iddepozita r-rikavat direttament f’kont bankarju fiss tieghu li fetah f’ismu u wara gie trasferit f’current account u meta l-konvenut ircieva l-ittra ufficjali mibghuta mill-atturi, hu ghalaq l-istess current account u zamm il-flus. Jirrizulta ghalhekk li qabel ma Paola Meli allegatament tat il-flus lill konvenut dan kien diga kellu l-flus fuq ismu u fl-ebda mument ma kien ghaddihom lill Paola Meli jew iddepozitahom f’isimha. Il-konvenut kien diga kkapparra l-flus qabel ma Meli suppost li qaltlu biex jehodhom.

Biegh tal-appartament

L-atturi jirritjenu li Paola Meli riedet tbiegh il-post biex ikollha fondi disponibbli ghal hlas tas-soggorn taghha

f'Casa Leone, billi l-pensjoni ma kientx bizzejjed u hi ma kinitx taf kemm ser iddum hemm. Il-konvenut isostni li Paola Meli riedet tbiegh il-post sabiex thallsu ghas-servigi allegatament resi minnhu u anke bhala rifuzjoni ta' l-ammonti li huwa sborza ghalkemm banda ohra ighid li riedet tbiegh il-post ghax xtaqet mezzanin vicin taghhom.

Il-konvenut xehed li z-zijiet qatt ma rrifondewlu ebda spiza li ghamel ghalihom kif lanqas ma kkumpensawh ghal kull ma sar maghhom. Kien ghalhekk, skond hu, li Paola Meli riedet tikkumpensah bir-rikavat tal-appartament taghha. Izda pero jirrizulta li fil-fatt iz-zijiet kienu ihallsuh. Meta xehed in kontro ezami, l-konvenut jammetti li “ghall ispejjez kbar iz-zija kienet tirrifondini hi pero' ghall-affarijiet zghar bhal pasitizzi, gelati u affarijiet ohra ta' l-ikel ma kienetx tirrifondini”. Hu qal ukoll li “ Kellha pensjoni zghira, u biex thallasni ta' l-ispejjez li kont nizborza kienet iggib il-flus bicca mill-pensjoni u bicca mill-flus li kellha u thallasni”.

Il-konvenut naqas li jipprezenta rendikont relattiv ghas-servigi allegatament prestati minnhu. Hu pprezenta biss id-Dok ST1 a fol 108 li jirreferi ghall perjodu qasir ta' ftit xhur fin 1995 qabel il-mewt ta' Paola Meli u li kif diga gie indikat hu kien thallas taghhom. Il-konvenut eccepixxa (ara tieni eccezzjoni) li r-rendikont kien tah lill istess Paola Meli f'hajjitha izda prova dwar dana l-konvenut ma gabx.

Il-konvenut jikkontendi li l-allegazzjoni ta' l-atturi li Paola Meli kellha bzonn ta' xi somma addizzjoniali ghar-rikoveru taghha f'Casa Leone hi infondata u inverosimili billi hija kellha LM 7000 il-bank oltre il-pensjoni u hija kienet marida b'marda terminali. Illi bl-istess ragunar ma jidhirx li kien hemm raguni u urgenza ghaliex il-konvenut kellu bzonn ibiegh il-post ta' Paola Meli daqshekk malajr. Il-konvenut jghid li Meli riedet tikkumpensah tas-servigi allegatament resi qabel ma tmut. Il-konvenut pero' jghid ukoll li Meli riedet tbiegh il-post biex tixtri mezzanin vicin. Jirrizulta li l-konvenut ma kienx konsistenti fil-versjonijiet li tah dwar il-vera raguni ghall bejgh ta' dan l-appartament. Anzi jidher li l-vera intenzjoni tal-konvenut kienet li huwa

unilateralment jitthallas minghand Paola Meli tal-pretensjoni li hu kellu rigward l-allegati serviti resi.

Ghalhekk il-Qorti, wara li rat ir-relazzjoni u ezaminat il-provi, tikkonkludi li taqbel mal-konkluzzjoni tal-perit li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara illi l-konvenut Vincent Cauchi ma kellux dritt idawwar u jzomm ghalih is-somma kollha provenjenti mill-bejgh tal-fond imsemmi skond kuntratt tat-13 ta' Gunju, 1995 atti Nutar Dottor Henri Vassallo, u kull beni ohra appartenenti lill-eredita' ta' Paul u Paola konjugi Meli;

konsegwentement tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut;

Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, safejn tirrigwarda biss il-fatt li omm il-konvenut hija eredi ta' nofs il-wirt in kwistjoni u li m'ghandiex oggezzjoni li l-konvenut izomm is-sehem spettanti lilha ta' l-istess wirt; (illum stante l-mewt ta' ommu l-konvenut assuma l-atti minflokha).

tikkundanna lill konvenut jirrestitwixxi lill-atturi s-somma ta' Lm9,500 rapprezentanti n-nofs ta' Lm19,000 r-rikavat mill-bejgh tal-fond de quo u kull somma ohra jew dokument rapprezentanti flejjes, appartenenti lill-assi ereditarji ta' Paul u Paola konjugi Meli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.
Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------